

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

A6-0090/2008

1.4.2008

RAPPORT

dwar id-Donazzjoni u t-Trapjant ta' l-Organi: Azzjonijiet ta' politika fil-livell ta' l-UE
(2007/2210(INI))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Rapporteur: Adamos Adamou

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	14
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI.....	18
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	21
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	26

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar id-Donazzjoni u t-Trapjant ta' l-Organi: Azzjonijiet ta' politika fil-livell ta' l-UE (2007/2210(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 152(4)(a) tat-Trattat tal-KE,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Donazzjoni u t-Trapjant ta' l-Organi: Azzjonijiet Politiki fil-livell ta' l-UE (COM(2007)0275) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, anness mal-Komunikazzjoni: Valutazzjoni ta' l-Impatt (SEC(2007)0705),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sikurezza għad-donazzjoni, il-ksib, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-preservazzjoni, il-ħażna u t-tqassim ta' tessuti u ta' ċelluli tal-bniedem¹,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment ħieles ta' din id-dejta²,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar ta' dejta personali u l-ħarsien tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettronici³,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni ta' Prattika klinika tajba fit-tweqqif ta' testijiet kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem⁴,
- wara li kkunsidra l-Prinċipji ta' Gwida ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar it-Trapjant ta' Organi Umani,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina, u l-protokoll addizzjonali tagħha dwar it-Trapjant ta' Organi u Tessuti ta' Oriġini Umana,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunsill ta' l-Ewropa "Biex nilqgħu għan-nuqqas ta' organi. Il-qagħda u l-istrateġiji attwali għat-titjib fid-donazzjoni ta' l-organi" (1999),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunsill ta' l-Ewropa "Gwida għall-assigurazzjoni tas-

¹ ĠU L 102, 7.4.2004, p. 48.

² ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

³ ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

⁴ ĠU L 121, 1.5.2001, p. 34.

- sikurezza u tal-kwalità għall-organi, it-tessuti u ċ-ċelluli"¹,
- wara li kkunsidra dokument mill-ewwel laqgħa nazzjonali ta' l-esperti dwar id-donazzjoni u t-trapjant ta' l-organi fil-Livell Komunitarju, SANCO C6 EFZ/gsc D (2007) 360346, tat-13 ta' Settembru 2007,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0090/2008),
- A. billi l-ħtiegħa għat-trapjanti ta' l-organi fl-Ewropa żdiedet sew u aktar bil-ħeffa mill-għadd ta' donazzjonijiet ta' l-organi, billi fl-Ewropa kollha hemm aktar minn 60,000 pazjent jistennew biex isir ilhom trapjant u billi għadd ġmieu ta' pazjenti jmutu minħabba n-nuqqas kroniku ta' organi, billi ż-żieda fl-għadd ta' donaturi mhijiex qiegħda twassal biex jiqsaru l-listi ta' stennija,
- B. billi t-traffikar ta' l-organi, il-kummerċjaliżmu u t-turiżmu tat-trapjanti qegħdin jiżviluppaw bil-ħeffa, li xejn ma hu konsistenti mar-rispett għad-dinjità tal-bniedem; billi hemm rabta bejn in-nuqqas ta' organi u t-traffikar tagħhom u billi tinħtiegħ aktar dejta dwar it-traffikar ta' l-organi,
- C. billi kwistjonijiet tas-sikurezza huma spiss injorati meta jkun ipprattikat illegalment it-trapjant kummerċjali ta' l-organi, li jista' jipperikola l-ħajja kemm tad-donatur kif ukoll tar-riċevent,
- D. billi erba' Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, ħames Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Protokoll supplimentari tagħha għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, Speċjalment Nisa u Tfal ("il-Protokoll ta' Palermo") u disa' Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Protokoll Fakultattiv tan-NU tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal dwar il-bejgħ, il-prostituzzjoni u l-pornografija tat-tfal,
- E. billi għalkemm l-estimi attwali jqiegħdu t-traffikar ta' l-organi fuq livell relattivament baxx fost il-forom kollha ta' traffikar, it-traffikar ta' l-organi u t-tessuti qiegħed isir dejjem iżjed problema globali li sseħħ kemm fi ħdan il-konfini nazzjonali kif ukoll lil hinn minnhom u qiegħda tkun ikkontrollata mid-domanda (kalkolu ta' 150-250 każ fis-sena fl-Ewropa),
- F. billi t-traffikar ta' l-organi u t-tessuti hi forma ta' traffikar tal-persuni umani, li tinvolvi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, u partikolarment tad-dinjità umana u ta' l-integrità fiżika, u tista' ddgħajef il-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema leġittima tat-trapjanti, u tista' twassal għal skarsezza akbar ta' donazzjonijiet volontarji ta' organi u tessuti,
- G. billi l-kwalità, is-sikurezza, l-effikaċja u t-trasparenza huma essenzjali jekk is-soċjetà għandha taħsad il-benefiċċji li t-trapjant jista' joffri bħala terapija,

¹It-tieni edizzjoni, 2004.

- H. billi t-trapjant ta' l-organi jikkostitwixxi l-uniku trattament disponibbli għal organi morda bħalma huma l-fwied, il-pulmun u l-qalb u l-iktar trattament għall-kliwi morda li joffri benefiċċji b'paragun ma' l-ispiża; billi t-trapjant ta' l-organi jipprovdi l-possibilità li jiġu salvati l-ħajjiet u li tiġi offruta kwalità tal-ħajja aħjar,
- I. billi hemm differenzi importanti bejn u fl-Istati Membri fir-rigward ta' rati ta' trapjanti, ta' sorsi ta' l-organi (donaturi ħajjin jew mejtin) kif ukoll diskrepanzi dwar ir-rekwiżiti tal-kwalità u tas-sikurezza minima għad-donazzjoni u t-trapjant ta' l-organi, filwaqt li l-approċċ organizzattiv tat-trapjanti jvarja minn pajjiż għall-ieħor u jwassal għal standards irregolari fl-UE,
- J. billi l-Istati Membri għandhom oqfsa legali differenti (bl-għażla li wieħed jieħu jew ma jiħux sehem fihom) u esperjenzi fi Stati Membri differenti juru li l-impatt tas-sistema legali fuq l-għadd ta' donaturi huwa pjuttost limitat,
- K. billi l-alternattiva għat-trapjant sikwit hija l-kura intensiva, li hija skomda għall-pazjent u tpoġġi piż fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa u fuq il-familja, kif ukoll fuq dawk li jieħdu ħsieb il-pazjenti,
- L. billi d-donazzjoni u t-trapjant ta' l-organi huma kwistjonijiet sensittivi u kumplessi li jinkludu l-aspetti mhux mediċi biss, iżda wkoll dawk legali u etiċi, li jitolbu l-partekipazzjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp tagħhom,
- M. billi l-użu ta' l-organi fit-terapija jinkludi r-riskju li jkunu trazzmessi infezzjonijiet u mard ieħor,
- N. billi għadd ta' organi diġà ġew skambjati bejn l-Istati Membri kif ukoll diġà jeżistu diversi organizzazzjonijiet Ewropej għall-iskambju ta' l-organi (bħal Scandiatransplant, Eurotransplant),
- O. billi l-esperjenza eżistenti (bħall-Mudell Spanjol, il-proġett Belġjan GIFT, id-DOPKI, u l-Alliance-O) wasslet għal riżultati pożittivi u għandha tiġi meqjusa,
- P. billi l-għarfien pubbliku, l-informazzjoni konkreta u pożittiva u t-taħriġ avvanzat kif ukoll il-ħiliet komunikattivi tal-professjonisti għandhom sehem importanti fiż-żieda tar-rieda għad-donazzjoni ta' l-organi,
- 1. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Id-Donazzjoni u t-Trapjant ta' l-Organ: Azzjonijiet ta' Politika fil-livell ta' l-UE" li tipproponi strateġija integrata fuq tliet pilastri apprezzata ħafna;

L-ISTRUMENT LEGALI

- 2. Jistenna bil-ħerqa l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva li għandha tistabbilixxi rekwiżiti ta' kwalità u ta' sikurezza għad-donazzjoni, il-ksib, l-ittestjar, il-preservazzjoni, it-trasport u t-tqassim ta' l-organi fl-UE u r-riżorsi meħtieġa biex jintlaħqu dawn ir-rekwiżiti; jenfazizza, madankollu, li l-qafas leġiżlattiv li ġej m'għandux joħloq piż amministrattiv żejjed għall-amministrazzjoni ta' l-Istati Membri jew għall-fornituri ta' servizz, u lanqas m'għandu jipperikola l-użu ta' prattiki tajbin li diġà jeżistu jew ta'

prattiki adattati għall-kundizzjonijiet u ċ-ċirkustanzi li jinstabu fl-Istati Membri individwali, jew li jkollhom rekwiżiti li jwasslu għal tnaqqis ta' l-għadd ta' donaturi potenzjali u effettivi;

3. Jiġbed l-attenzjoni li d-dokument leġiżlattiv il-ġdid għandu jikkomplementa u jsaħħa l-isforzi li għamlu l-Istati Membri sabiex jintlaħaq metodu ta' koordinazzjoni attiv u effiċjenti mingħajr ma jfixkel l-introduzzjoni jew iż-żamma ta' miżuri aktar stretti;
4. Jenfasizza li d-Direttiva għandha tiffaċilita l-progress li jkun sar mix-xjenza medika;

KOPERAZZJONI BEJN L-ISTATI MEMBRI

5. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li m'hemmx biżżejjed organi disponibbli għat-trapjanti sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-pazjenti; iqis it-tnaqqis ta' l-iskarsezza ta' l-organi (u tad-donaturi) bħala l-isfida prinċipali li l-Istati Membri ta' l-UE jiffaċċjaw fir-rigward tat-trapjant ta' l-organi; ifakkar li attwalment ħafna eluf ta' pazjenti fl-Ewropa huma rreġistrati fuq listi ta' stennija, li għandhom rata ta' mortalità sinifikanti;
6. Jinnota li t-tqassim ta' l-organi għandu jkun ibbażat fuq il-kapaċità medika tal-pazjent li jaċċetta l-organu; hu tal-fehma li d-diskriminazzjoni minħabba xi diżabilità li ma jkollhiex x'taqsam maċ-ċansijiet tal-pazjent li jaċċetta organu m'għandhiex tkun ittollerata;
7. Jiġbed l-attenzjoni li d-donazzjoni ta' l-organi hija don; għalhekk jenfasizza li, filwaqt li huwa importanti ferm li tinstab soluzzjoni għan-nuqqas kbir ta' organi fl-Ewropa, l-għażla ħielsa tad-donazzjoni ta' xi organu jeħtieġ li tiġi rrispettata u mħarsa wkoll;
8. Jinnota d-differenzi importanti f'dak li huwa s-sors ta' l-organi (donaturi mejtin jew ħajjin) fl-UE, id-differenzi kbar bejn is-suċċessi ta' l-Istati Membri fit-tkabbir tal-komunità tad-donaturi tagħhom, id-diskrepanzi bejn l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqşam mar-rekwiżiti tal-kwalità u tas-sikurezza, l-approċċi organizzattivi differenti għad-donazzjoni u t-trapjant ta' l-organi u d-differenzi fl-edukazzjoni u t-taħriġ ta' professjonisti mediċi u paramediċi; iqis li d-diskrepanzi jistgħu jittfissru parzjalment b'taħlita ta' fatturi ekonomiċi, strutturali, amministrattivi, kulturali, etiċi, reliġjużi, storiċi, soċjali u legali, għalkemm il-fattur kruċjali jidher li hu kif ikun organizzat il-proċess li jwassal għad-donazzjoni u t-trapjant ta' l-organi;
9. Jemmen bil-qawwa, għalhekk, li hemm potenzjal sinifikanti biex isir skambju ta' tagħrif bejn l-Istati Membri ta' l-UE li jista' jżid ir-rati ta' donazzjonijiet u jibbilanċja l-aċċess għat-trapjanti fl-Ewropa kollha; għalhekk, jistenna bil-ħerqa l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għal koperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri sabiex:
 - tizzied id-disponibilità ta' l-organi,
 - tissaħħa l-effiċjenza u l-aċċessibilità tas-sistemi ta' trapjant,
 - jizzied l-għarfien pubbliku,
 - tkun iggarantita l-kwalità u s-sikurezza ta' l-ikel;
10. Konsegwentement, jisħaq li l-istabbiliment ta' sistemi operattivi strutturati sew u l-promozzjoni ta' mudelli li rnextew fi u bejn l-Istati Membri u, fejn ikun il-każ, fil-livell internazzjonali, huma ta' l-akbar importanza; jissuġġerixxi li s-sistemi operattivi

għandhom jinkludu qafas legali xieraq, infrastruttura teknika u loġistika, appoġġ psikoloġiku u organizzattiv kif ukoll struttura organizzattiva xierqa, fil-livell ta' sptarijiet u lilhinn mill-isptarijiet, mgħammra bi staff bi kwalifiki għolja, flimkien ma' dispożizzjonijiet ċari dwar it-traċċabilità kif ukoll tqassim u aċċess ġust, effettiv u raġonevoli fis-sistema ta' trapjant;

DISPONIBILITÀ AKBAR TA' ORGANI

11. Jiġbed l-attenzjoni li l-Istati Membri huma responsabbli għall-mudell legali tagħhom; jinnota li fl-UE jeżistu żewġ mudelli, it-tnejn b'varjanti differenti; iqis li m'huwieks meħtieġ li s-sistemi legali jkunu adattati u armonizzati; jistieden lill-Istati Membri biex jintroduċu fil-leġiżlazzjoni tagħhom il-possibilità li jaħtru rappreżentant legali li jkun jista' jiddeċiedi dwar id-donazzjoni wara l-mewt ta' persuna;
12. Jistieden lill-Istati Membri biex jilhqgħu l-potenzjal sħiħ tagħhom ta' donazzjonijiet wara l-mewt; għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvestu bis-sħiħ biex itejbu s-sistemi organizzattivi tagħhom billi:
 - jissensibilizzaw, jedukaw u jħarrġu staff mediku u paramediku,
 - jappoġġjaw l-isptarijiet finanzjarjament biex jaħtru "koordinaturi interni għat-trapjanti" (tobba li jaħdmu fl-unitajiet tal-kura intensiva li huma appoġġjati minn grupp mediku); xogħolhom ikun li jidentifikaw attivament donaturi potenzjali u jkellmu l-familji tagħhom,
 - jimplementaw programmi għat-titjib tal-kwalità f'kull sptar jew grupp ta' sptarijiet fl-Ewropa fejn ikun hemm evidenza ċara ta' potenzjal għad-donazzjoni ta' l-organi;
13. Jitlob lill-Istati Membri biex, bil-għan li tiżdied id-disponibilità ta' l-organi, jevalwaw l-użu ta' donaturi "estiżi" (donaturi kbar fl-età, donaturi b'ċertu mard) meta wieħed iqis l-aspetti tal-kwalità u tas-sikurezza;
14. Jikkunsidra li t-trapjanti jistgħu jsiru bl-użu ta' organi subottimali; imbagħad ikun f'idejn il-grupp li jagħmel it-trapjant, li jaġixxi b'konsultazzjoni mal-pazjent u mal-familja tiegħu, biex jieħdu deċiżjonijiet dwar l-użu ta' organi għal pazjenti individwali fuq il-bażi ta' l-analiżi tal-benefiċċju mqabbel mar-riskju;
15. Jinnota wkoll li, sabiex tkun żgurata identifikazzjoni rapida ta' l-organi, huwa importanti li dawk li ma jikkwalifikawx bħala donaturi jkunu mħeġġa jgħorru magħhom karta li tistqarr dan;
16. Jitlob lill-Istati Membri li jippermettu l-għoti ta' organi minn donaturi ħajjin biex iqisu l-aspetti tal-kwalità u tas-sikurezza; jenfasizza, madankollu, li l-għoti ta' organi minn donaturi ħajjin jista' jittqies li jikkomplementa d-donazzjoni ta' l-organi wara l-mewt;
17. Jirrikonoxxi li meta l-komunità tad-donaturi tkun estiża, it-tobba jistgħu jkunu mħassba biż-żieda fir-riġett ta' l-organi u n-nuqqas gradwali fil-funzjoni ta' l-organu trapjantat, u għalhekk jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jappoġġjaw metodi biex jevitaw u jikkuraw ir-riġett ta' l-organi sabiex il-komunità "estiża" ta' donaturi tkun tista' tintuża b'fiduċja mit-tobba;
18. Jirrikonoxxi li l-bijoteknoloġija diġà qiegħda toffri soluzzjonijiet għar-riskju ta' riġett ta'

- organi trapjantati, pereżempju permezz ta' trattamenti li jnaqqsu r-rati ta' riġett, li min-naħa l-oħra jappoġġjaw id-disponibilità ta' aktar organi, billi jħallu lit-tobba jitrattaw jew anki jevitaw ir-riġett; isostni li dan jista' jgħin biex jappoġġja l-komunità ta' donaturi "estiżi" billi jitnaqqas ir-riskju assoċjat mal-programmi ta' organi "estiżi";
19. Jitlob lill-Istati Membri biex ineħħu, qabel Jannar 2010, il-leġiżlazzjoni li tgħid li l-organi tad-donaturi jistgħu jintużaw biss f'dak il-pajjiż partikulari;
 20. Jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ, ix-xogħol fi grupp u r-rimunerazzjoni tal-kirurgi li jwettqu t-trapjanti;
 21. Jenfasizza l-importanza li l-akkwist u t-trapjant ta' l-organi jkollhom finanzjament minn linja ta' baġit separata, sabiex it-trapjant ma jservix ta' nuqqas ta' inċentiv għall-isptarijiet;
 22. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun żgurat li d-donazzjonijiet ta' l-organi ma jkunux kummerċjalizzati u jibqgħu hekk;
 23. Japprova miżuri li huma mmirati biex jiproteġu donaturi ħajjin, mill-perpsettiva medika, psikoloġika u soċjali, u biex jiżguraw li d-donazzjoni ta' l-organi ssir b'mod altruwistiku u volontarju, mingħajr ebda ħlas ħlief għal kumpens strettament limitat biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż u l-inkonvenjenzi relatati mad-donazzjoni; jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li jkun ippreservat l-anonimat tad-donaturi mejta u ta' dawk ħajjin li ma jkunux marbuta b'mod ġenetiku jew emozzjonali mar-riċeventi, fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti donazzjonijiet bħal dawn; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiddefinixxu l-kondizzjonijiet li taħthom jista' jingħata xi kumpens;
 24. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jadottaw u jħarsu dispożizzjonijiet legali rigorużi fir-rigward tat-trapjanti minn donaturi ħajjin li m'humiex qrafa, sabiex is-sistema tkun trasparenti u teskludi l-possibilità ta' bejgħ illeċitu ta' organi jew l-isfurzar tad-donaturi; għalhekk, id-donazzjonijiet minn donaturi li m'humiex qrafa jistgħu jsiru biss taħt kundizzjonijiet definiti fil-liġi nazzjonali u wara awtorizzazzjoni minn entità indipendenti adatta;
 25. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li ma ssirx diskriminazzjoni kontra donaturi ħajjin, partikolarment mis-sistemi ta' l-assigurazzjoni;
 26. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li d-donaturi ħajjin jingħataw lura l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali;
 27. Iqis li, fil-futur, il-bijoteknoloġija, dejjem jekk tkun garantita t-traċċabilità, tista' toffri lir-riċerkaturi l-possibilità li jtkabbru organi minn tessuti u ċelluli eżistenti, kemm mill-pazjenti nnifishom kif ukoll minn donaturi oħra tat-tessuti; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi din it-tip ta' riċerka li spiss titwettaq mill-kumpaniji emerġenti Ewropej tal-bijoteknoloġija li huma żgħar u ta' daqs medju fi ħdan l-oqfsa kulturali u etiċi stipulati mill-Istati Membri u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Konvenzjoni dwar il-bijomediċina tal-Kunsill ta' l-Ewropa;

L-EFFIĊJENZA U L-AĊĊESSIBILITÀ TA' SISTEMI TA' TRAPJANTI

28. Jinnota li, għalkemm diversi Stati Membri introduċew ir-reġistrazzjoni mandatorja tal-proċeduri tat-trapjant u jeżistu wkoll xi reġistri volontarji, ma teżisti l-ebda sistema komprensiva li tiġbor id-dejta dwar it-tipi differenti ta' trapjanti u r-riżultati tagħhom; jirrakkomanda bil-qawwa l-ħolqien ta' reġistri ta' segwitu nazzjonali ta' donaturi ħajjin, ta' pazjenti li ġew trapjantati u tal-proċeduri tat-trapjanti; jiġbed l-attenzjoni li r-reġistri għandhom ikunu aġġornati b'mod regolari; jenfasizza li t-tqabbil tad-dejta bejn l-Istati Membri ta' l-UE hija importanti;
29. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirrakkomanda lill-Istati Membri ċerti linji ta' gwida rigward ir-reġistrazzjoni biex tiżgura li l-persuna rreġistrata tressaq ċertu taġħrif dwar l-istorja medika tagħha u biex tkun żgurata l-kwalità u s-sikurezza ta' l-organi tad-donatur, ladarba r-reġistrazzjoni m'hijiex biss att sempliċi ta' reġistrazzjoni ta' l-isem iżda timplika konsegwenzi kemm għad-donatur kif ukoll għar-riċevent;
30. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' nukleu ta' standards tekniċi u etiċi għall-immaniġġjar tas-sikurezza, tal-kwalità u ta' l-effikaċja tad-donazzjoni ta' l-organi fil-kuntest tad-donazzjoni u tat-trapjant li jista' jkun ta' mudell għall-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabilixxi mekkaniżmu ta' l-UE li jippromwovi attivitajiet ta' koordinazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward tad-donazzjoni u t-trapjant ta' l-organi;
31. Iqis li vantaġġ ulterjuri tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-UE li mhux enfasizzat biżżejjed fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni huwa l-valur potenzjali ta' l-iskambju ta' l-organi bejn l-Istati Membri ta' l-UE f'termini ta' opportunitajiet mediċi u tekniċi, dejjem meta jitqiesu l-limitazzjonijiet ġeografiċi ta' skambji bħal dawn u l-effetti potenzjali fuq il-vijabilità ta' l-organi; jenfasizza f'dan ir-rigward ir-riżultati tajbin tas-sistemi internazzjonali; jemmen li l-qsim ta' l-organi jista' jkun ta' għajnuna b'mod partikulari fejn jidħlu proċeduri diffiċli ta' trapjanti (bħal f'pazjenti bi bżonnijiet partikolarment sensittivi jew urġenti u f'pazjenti b'kondizzjonijiet speċjali, li għalihom ikun diffiċli li jinstab donatur adattat);
32. Jistieden lill-Kummissjoni biex flimkien ma' l-Istati Membri jwettqu studju dwar il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw it-trapjant ta' l-organi għal residenti li m'humiex fl-UE iżda li jinsabu fl-Istati Membri u biex jiżviluppaw kodiċi ta' kondotta li jkun fih regoli u kondizzjonijiet li skond huma l-organi mogħtija minn donaturi mejta ta' l-UE jistgħu jitqassmu lil persuni mhux residenti fl-UE;
33. Jenfasizza li hija neċessarja koperazzjoni tajba bejn professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-awtoritajiet responsabbli u li din tipprovdri valur miżjud; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita l-alleanzi bejn organizzazzjonijiet nazzjonali tat-trapjanti fl-Istati Membri li jinvolvu l-koperazzjoni fuq livell legali, etiku u tekniku; jirrikonoxxi li hemm sitwazzjonijiet fil-mediċina tat-trapjanti li ma jistgħux ikunu indirizzati b'mod adegwat fl-Istati Membri b'komunità tad-donaturi limitata; jemmen li b'mod partikolari l-Istati Membri ż-żgħar jistgħu jibbenefikaw b'mod ċar mill-koperazzjoni Ewropea;
34. Jistieden li jkun hemm karta tad-donaturi Ewropea, li tkun komplementari mas-sistemi nazzjonali eżistenti;
35. Iqis li l-koperazzjoni internazzjonali biex tippromwovi d-disponibilità u s-sikurezza ta' l-

organi hija mixtieqa; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, li regoli ġenerali li jirregolaw l-aħjar prattika medika, it-tekniki dijanjostiċi u l-konservazzjoni jistgħu jkunu utli; jitlob lill-Istati Membri biex jippromwovu attivament din il-koperazzjoni u biex japplikaw din is-sistema ta' regoli ġenerali;

BIEX JIKBER L-GĦARFIEN PUBBLIKU

36. Jenfasizza l-importanza li jikber l-għarfien tal-pubbliku dwar id-donazzjoni ta' l-organi u t-trapjanti peress li dan jista' jiffaċilita l-identifikazzjoni ta' donaturi ta' l-organi u b'hekk tiżdied id-disponibilità ta' l-organi; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-soċjetà ċivili biex isaħħu b'mod strutturali l-promozzjoni tad-donazzjoni ta' l-organi, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh fl-iskejjel; f'dan ir-rigward, jissuġġerixxi l-użu ta' personalitajiet magħrufa sew (bħal, irġiel u nisa sportivi) u ta' pakketti edukattivi;
37. Jiġbed l-attenzjoni li l-informazzjoni dwar id-donazzjoni ta' l-organi u t-trapjanti għandha tkun pprovduta b'mod trasparenti, mhux influwenzat u mingħajr impożizzjoni, filwaqt li tindirizza l-ambitu tad-donazzjoni ta' l-organi, jiġifieri, li d-donazzjoni tista' tinkludi d-donazzjoni ta' aktar minn organu wieħed kif ukoll id-donazzjoni tat-tessuti;
38. Jenfasizza li l-għażla ħielsa li persuna tkun donatur jew le għandha tiġi rrispettata u li d-donazzjoni ta' l-organi għandha tiġi kkunsidrata bħala riġal minn bniedem għal ieħor; jiġbed l-attenzjoni li dan jeħtieġ li jkun rifless fil-lingwaġġ użat, u tiġi evitata terminoloġija ekonomika li tagħti x'tifhem li l-organi jistgħu jitqiesu bħala prodott fis-suq intern;
39. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra li tkompli tiżviluppa u tespandi l-web page Ewropea attwali dwar id-donazzjoni ta' l-organi www.eurodonor.org (u/jew www.eurocet.org) kif ukoll dik tad-WHO (www.transplant-observatory.org) fl-Istati Membri kollha ta' l-UE u fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE, bil-għan li tipprovdi kull informazzjoni u dejta rilevanti dwar id-donazzjoni u t-trapjant ta' l-organi;
40. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-Jum Dinji tad-Donaturi u jirrakkomanda azzjonijiet li jenfasizzaw ir-riżultati tajbin miksuba u l-importanza tat-trapjanti;
41. Huwa konvint li mod effettiv ħafna biex tiżdied id-disponibilità ta' l-organi huwa li l-pubbliku jkollu aktar informazzjoni anki fil-livell lokali u reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-knejjes u lill-komunitajiet reliġjużi sabiex jieħdu sehem f'dan l-isforz biex jiżdied l-għarfien tal-pubbliku dwar il-possibilità tad-donazzjoni ta' l-organi filwaqt li jitqiesu d-dettalji partikulari kulturali ta' kull Stat Membru; jenfasizza s-sehem importanti li għandhom donaturi rreġistrati fil-promozzjoni tad-donazzjoni ta' l-organi fost il-membri tal-familja u bħiebhom biex iħeġġuhom isiru donaturi huma wkoll;
42. Jirrikonoxxi li huwa importanti li jitjiebu l-ħiliet tal-komunikazzjoni tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa billi, pereżempju, jiġu żviluppati linji ta' gwida għall-informazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' attitudni professjonali lejn il-komunikazzjoni, kif ukoll lejn l-appoġġ ta' l-esperti f'dak il-qasam; għandha tingħata attenzjoni speċjali kemm għall-kontenut tal-messaġġ kif ukoll għall-aħjar mod kif jiġu ttrattati l-aktar temi kontroversjali; jenfasizza

l-importanza ta' laqgħat regolari mar-rappreżentanti tal-midja biex jiġu promossi r-riżultati tajbin miksuba u l-importanza tat-trapjanti;

43. Jiffavorixxi l-ħolqien ta' "hotline" tat-trapjanti b'numru tat-telfown wieħed imħaddem minn xi organizzazzjoni nazzjonali tat-trapjanti, fejn hemm organizzazzjoni bħal din, 24 siegħa kuljum minn professjonisti mħarrġa u b'esperjenza xierqa li jistgħu jipprovdu tagħrif rilevanti u preċiż malajr (mediku, legali) lill-persuni kollha kkonċernati;
44. Jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja riċerka dwar id-donazzjoni u t-trapjant ta' l-organi bejn il-fruntieri sabiex jiġi indirizzat l-impatt ta' l-etniċità, tal-pajjiż ta' l-oriġini, tar-reliġjon, tal-livell ta' edukazzjoni u tal-klassi soċjoekonomika fuq id-deċiżjoni li jkunu offruti organi għad-donazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex ixerrdu malajr ir-riżultati tar-riċerka bil-għan li l-pubbliku jkun infurmat u biex jitneħħew perċezzjonijiet żbaljati;

BIEX JITJIEBU L-KWALITÀ U S-SIKUREZZA

45. Jirrikonoxxi li huwa ta' importanza vitali li tkun żgurata l-kwalità u s-saħħa tad-donazzjoni u tat-trapjant ta' l-organi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dan ikollu impatt fuq it-tnaqqis fir-riskji tat-trapjanti u konsegwentement inaqqas l-effetti mhux mixtieqa; jirrikonoxxi li azzjonijiet fuq il-kwalità u s-sikurezza jista' jkollhom effett fuq id-disponibilità ta' l-organi u viċiversa; jitlob lill-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom fil-ħolqien u l-iżvilupp ta' regolamenti nazzjonali u ta' qafas regolatorju sabiex itejbu l-kwalità u s-sikurezza, mingħajr ma dan ikollu impatt negattiv fuq id-disponibilità ta' l-organi għat-trapjant;
46. Jirrikonoxxi li r-riżultati ta' wara t-trapjant u ta' wara d-donazzjoni għandhom ikunu osservati u evalwati; jenfasizza li għandha tkun promossa metodoloġija komuni għall-analiżi tad-dejta, fuq il-bażi ta' l-aħjar prattiki utilizzati fl-Istati Membri, sabiex ikun jista' jsir l-aħjar tqabbil bejn ir-riżultati fost il-pajjiżi;
47. Jitlob lill-Istati Membri biex iżidu l-perjodi ta' sorveljanza għall-pazjenti li jkunu għamlu trapjant (bħalissa bejn disa' xhur u sena) għal bosta snin u preferibilmment sakemm il-pazjent jibqa' ħaj u/jew sakemm l-organu trapjantat jibqa' jaħdem;
48. Jistieden lill-Kummissjoni biex talloka fondi fi ħdan is-Seba' Programm ta' Qafas biex jippromwovi r-riċerka dwar tekniki dijanjostiċi aħjar u aktar preċiżi li jkunu jistgħu jikxfu malajr u b'mod effettiv kondizzjonijiet perikolużi bħall-HIV/AIDS, l-epatite u oħrajn, billi aspett importanti tat-trapjant ta' l-organi huwa li tiġi żgurata s-sikurezza minn bosta fatturi u aġenti ta' detriment li jkunu jinsabu fl-organi tad-donatur;

IT-TRAFFIKAR TA' L-ORGANI

49. Jiġbed l-attenzjoni li hemm rabta bejn in-nuqqas ta' organi u t-traffikar tagħhom, billi t-traffikar ta' l-organi jdgħajjef il-kredibilità tas-sistema għad-donaturi potenzjali volontarji u li ma jitħallsux; jenfasizza li kwalunkwe sfruttar kummerċjali ta' l-organi m'huwiex etiku u huwa inkonsistenti mal-valuri l-aktar bażiċi tal-bniedem; jenfasizza li d-donazzjoni ta' l-organi għal motivazzjoni finanzjarja tbaxxi d-donazzjoni ta' organu għal prodott kwalunkwe, u dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dinjità umana u jmur kontra l-

Artikolu 21 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina u huwa pprojbit skond l-Artikolu 3(2) tal Karta ta' l-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali;

50. Jitlob lill-Kummissjoni, fir-rigward ta' pajjiżi terzi, sabiex tiġġieled kontra prattiki ta' traffikar ta' organi u tessuti, li għandhom ikunu projbiti b'mod universali, inklużi t-trapjant ta' organi u tessuti mingħand persuni minuri, persuni b'diżabilità mentali jew priġunieri ġustizzjati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jissensibilizzaw il-komunità internazzjonali dwar din il-kwistjoni;
51. Iqis li, sabiex jiġi miġġieled it-traffikar ta' l-organi fl-aktar partijiet foqra tad-dinja, għandha tiġi adottata strateġija fuq medda twila ta' żmien sabiex jitneħħew l-inugwaljanzi soċjali li huma responsabbli għal dawn il-prattiki; jenfasizza li, sabiex tiġi miġġielda l-prattika tal-bejgħ ta' l-organi għall-flus (speċjalment f'pajjiżi li qed jiżviluppaw), għandhom jinħolqu mekkaniżmi ta' traċċabilità biex jagħmlu mezz li dawn l-organi ma jitħallewx jidħlu fl-Unjoni Ewropea;
52. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jipprojbixxu t-“turiżmu tat-trapjanti”, billi jiffasslu linji gwida sabiex jiproteġu lid-donaturi l-aktar foqra u vulnerabbli milli jkunu vittmi tat-traffikar ta' l-organi u biex jadottaw miżuri li jżidu d-disponibilità ta' organi miksuba legalment u permezz ta' l-iskambju ta' reġistrazzjonijiet f'listi ta' stennija bejn organizzazzjonijiet eżistenti għall-iskambju ta' l-organi sabiex ikunu evitati listi multipli; jitlob lill-Kummissjoni sabiex permezz tal-qasam tal-Ġustizzja, tal-Libertà u tas-Sigurtà, tippromwovi metodu komuni bil-għan li tiġi kkompilata informazzjoni fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar it-traffikar ta' l-organi u biex jiġu identifikati l-problemi ewlenin u s-soluzzjonijiet potenzjali; jiġbed l-attenzjoni għal dan il-għan li għandha tiġi stabbilita sistema ta' traċċabilità u ta' responsabilità diretta għall-organi umani;
53. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex, fejn jeħtieġ, jemendaw il-kodiċi kriminali tagħhom ħalli jiżguraw li jittieħdu passi xierqa kontra dawk responsabbli għat-traffikar ta' l-organi, flimkien ma' sanzjonijiet għall-istaff mediku involut fi trapjant ta' organi li jinkisbu minn traffikar, waqt li jsir kull sforz sabiex jiġu skoraġġiti persuni li jkunu jeħtieġu l-organi milli jfittxu organi u tessuti li jkunu traffikati; dan għandu jinkludi l-konsiderazzjoni ta' responsabilità kriminali għaċ-ċittadini Ewropej li jkunu akkwistaw organi kemm fl-UE kif ukoll barra minnha;
54. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-passi meħtieġa li jżommu lill-professjonisti fil-kura tas-saħħa milli jiffaċilitaw it-traffikar fl-organi u fit-tessuti (pereżempju, billi jirreferu pazjent lil servizz barrani ta' trapjant li jista' jkun involut fit-traffikar) kif ukoll lil dawk li jipprovdu servizz ta' assigurazzjoni tas-saħħa milli jiffaċilitaw attivitajiet li b'mod dirett jew indirett jippromwovu t-traffikar ta' l-organi, pereżempju billi jirrimborżaw xi spejjeż għal trapjanti illegali ta' l-organi;
55. Iqis li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aġenziji tagħhom ta' l-infurzar tal-liġi kif ukoll l-istaff mediku għandhom ikunu mħarrġa dwar it-traffikar ta' l-organi sabiex kull każ jiġi rrapportat lill-pulizija;
56. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jiffirmaw, jirratifikaw u jimplementaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa partikolarment l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Persuni u l-Protokoll

ta' Palermo jekk għadhom m'għamlux dan;

57. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Europol biex itejbu s-sorveljanza tal-każijiet tat-traffikar ta' l-organi;
58. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jaġġornaw il-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Traffikar tal-persuni umani u jinkludu fih pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' l-organi, sabiex jippermettu koperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet konċernati;
59. Jitlob, ukoll, sabiex il-pjan ta' azzjoni jkollu referenza għal dejta li tkun korretta u verifikata fir-rigward tal-kwantitajiet, it-tipi u l-oriġini ta' organi traffikati illegalment;

0

0 0

60. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lid-WHO, lill-Kunsill ta' l-Ewropa u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

It-trapjant ta' l-organi jfisser l-użu terapewtiku ta' organi umani li jinvolvi s-sostituzzjoni ta' organu li ma jaħdimx sew b'ieħor li jkun geġ minn donatur. Sakemm tiġi applikata proċedura ta' segwitu xierqa, it-trapjant b'suċċess ta' l-organi jista' jagħti mill-ġdid haġja kompleta u mimlija saħħa għal ħafna snin lil nies li kieku jkollhom bżonn spiss tal-kura intensiva, li tkun ta' dwejjaq għall-pazjenti, iżda li spiss ukoll tkun ta' piż mhux biss fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa fl-Istati Membri iżda wkoll fuq il-familja u dawk li jieħdu ħsiebhom.

Għalkemm l-użu ta' organi umani għat-trapjant żdied bil-mod il-mod fl-aħħar deċennji madwar l-UE, in-numru ta' nies li jeħtieġu trapjant huwa akbar min-numru ta' organi disponibbli għal trapjanti. Kważi 40,000 pazjent qegħdin fil-listi ta' stennija fl-Ewropa tal-Punent bħalissa. Ir-rata ta' l-imwiet matul iż-żmien ta' l-istennija għal trapjant ta' qalb, fwied jew pulmuni normalment hi bejn 15 u 30%.

Il-kwalità u s-sikurezza

L-użu ta' l-organi fit-terapija għandu r-riskju ta' mard li jiġi trażmess lir-riċevent. Ir-riskji jinkludu mhux biss it-trażmissjoni ta' mard li jittieħed (infezzjonijiet virali, batteriċi u fungali, il-vajrus ta' l-immunodeficijenza umana (HIV), il-vajrus ta' l-epatite B (HBV), il-vajrus ta' l-epatite C (HCV)) iżda wkoll it-trażmissjoni ta' mard malinn, bħal ma hija t-trażmissjoni ta' tipi differenti ta' kanser.

L-ittestjar tad-donaturi huwa importanti biex jitnaqqsu r-riskji lir-riċevent; huwa essenzjali li jiġu skrinjati d-donaturi u li tiġi stabbilita l-preżenza jew l-assenza ta' riskju ta' trażmissjoni ta' mard. Sabiex jiġi stabbilit il-livell standard tas-sikurezza tad-donaturi, għandu jsir sett minimu ta' eżamijiet. Madankollu, għad m'hemmx kunsens bejn l-Istati Membri dwar dawn it-testijiet.

L-evalwazzjoni ta' donaturi potenzjali qabel it-trapjant hi parti vitali tat-trapjant ta' organu solidu. Fi kliem ieħor, l-adattabilità tad-donaturi hija prerekwiżit essenzjali għad-donazzjoni. L-għanijiet ewlenin jinkludu: l-identifikazzjoni ta' kundizzjonijiet li jiskwalifikaw id-donaturi; l-identifikazzjoni tal-possibilità ta' infezzjonijiet ta' qabel it-trapjant u d-definizzjoni tal-livell tar-riskju sabiex jiġu ddeterminati strateġiji biex ikunu impediti l-effetti ta' wara t-trapjant. Id-differenzi fl-iskrining bejn id-donatur ħaġ u d-donatur mejjet huma fil-biċċa l-kbira bbażati fuq iż-żmien differenti meta jsir dan l-iskrining. Meta d-donatur ikun ħaġ huwa possibbli li infezzjoni attiva tiġi trattata u li t-trapjant jiġi pospost sakemm jinstab tarf ta' l-infezzjoni. Mill-banda l-oħra, iż-żmien disponibbli għad-donatur mejjet tipikament huwa biss ta' ftit sigħat. Il-kriterji għall-adattabilità tad-donatur għandhom jiġu stabbiliti skond standards mediċi aċċettati li diġà jeżistu. Il-monitoraġġ u s-segwitu fit-tul tal-pazjenti wara t-trapjanti huma meħtieġa wkoll sabiex ikun evalwat l-aħjar riżultat tat-trattamenti għall-pazjenti. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-riżultati ta' wara t-trapjant huma kruċjali u għalhekk għandhom jitwettqu fuq il-bażi ta' metodoloġija komuni, li tiżgura l-ogħla standards tas-saħħa u tas-sikurezza fl-Istati Membri kollha.

Bħalissa, it-trapjanti ta' l-organi huma segwiti biss għal bejn 9 xhur u 12-il xahar wara t-trapjant. L-evalwazzjoni tar-riżultati tat-trapjanti għandha tiġi estiża għal bosta snin sabiex

tingħata l-aħjar evalwazzjoni tar-riżultati, kemm klinikament kif ukoll f'termini ekonomiċi.

In-nuqqas ta' organi

In-nuqqas serju ta' donaturi ta' organi jibqa' l-isfida prinċipali li l-Istati Membri jiffaċċjaw fir-rigward tat-trapjant ta' l-organi. Il-listi ta' stennija li kull ma jmur qegħdin jikbru huma problema serja. Fl-Ewropa tal-Punent, bħalissa aktar minn 40,000 pazjent qegħdin jistennew kilwa. Il-listi ta' stennija komplew jitwalu fil-pajjiżi kollha ta' l-UE kif ukoll fil-bqija tad-dinja. Anki f'każijiet fejn ikun hemm żieda kontinwa fin-numru ta' donaturi, hu diffiċli ferm li jitnaqqsu l-listi ta' stennija kif ukoll iż-żmien ta' stennija.

It-twaqqif ta' sistema effiċjenti għall-identifikazzjoni ta' persuni li jistgħu jkunu donaturi ta' organi wara mewthom, ladarba r-rekwiżiti ta' kunsens mandatorji kollha fl-Istati Membri jiġu sodisfati, huwa element prinċipali fil-ġlieda kontra n-nuqqas ta' l-organi. Il-proċess ta' l-evalwazzjoni ta' l-adattabilità ta' l-organi huwa avveniment ta' ħafna fażijiet, iffukat fuq a) id-definizzjoni ta' riskju aċċettabbli-mhux aċċettabbli tat-trażmissjoni ta' l-infezzjonijiet jew mard neoplastiku u b) it-twaqqif ta' passi prattiċi għall-proċess ta' l-evalwazzjoni tar-riskju, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-każijiet individwali rigward il-mard li jista' jiġi trażmess, il-mezzi disponibbli għall-prevenzjoni u t-trattament tal-marda.

Għażla importanti oħra fit-tkabbir tal-komunità tad-donaturi hi li jiġi kkunsidrat it-thegħġ għal donazzjonijiet altruwistiċi minn donaturi haġġin. Il-morbidità u l-mortalità ta' pazjenti li qegħdin jistennew trapjant jeħtieġu kunsiderazzjoni xierqa ta' dawk id-donaturi potenzjali li normalment ma jkunux ikkunsidrati bħala kandidati ideali; dawn huma msejħa donaturi estiżi (jiġifieri, li jitħallew li jsiru trapjanti minn pazjenti bl-HIV lil pazjenti oħra bl-HIV). Meta l-komunità tad-donaturi titkabbar f'dan il-mod, it-tobba jkunu ffaċċjati bi probabilità akbar tar-rifjut ta' l-organi u tat-tnaqqis gradwali tal-funzjoni ta' l-organu trapjantat. Huwa ta' importanza vitali li jiġu appoġġjati metodi biex jiġi mxekkel u trattat ir-rifjut ta' l-organi sabiex il-komunità estiża tista' tintuża b'fiduċja mit-tobba. Kien ippruvat ukoll li t-taħriġ u l-impjieg ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa responsabbli li jidentifikaw donaturi potenzjali huwa utli u għandu jkun imhegħeġ kull meta jippermettu r-riżorsi. Il-bijoteknoloġija diġà qiegħda toffri soluzzjonijiet, bħal ngħidu aħna, trattamenti li jnaqqsu r-rati tar-rifjut, li mbagħad jappoġġjaw id-disponibilità ta' aktar organi, billi jippermettu lit-tobba li jittrattaw jew saħansitra jevitaw r-rifjut. Għalhekk, dan jgħin biex jappoġġja l-komunità estiża tad-donaturi billi jitnaqqas ir-riskju assoċjat mal-programmi estiżi ta' l-organi. Ta' min isemmi li fil-futur, il-bijoteknoloġija tista' tagħti lok lir-riċerkaturi li jkabbru organi minn tessuti eżistenti, kemm mill-pazjenti nfushom (awtologi) kif ukoll minn donaturi oħra ta' tessuti (allogeneiċi). Il-ħidma li tippromwovi din it-tip ta' riċerka, li spiss issir mill-kumpaniji emerġenti Ewropej tal-bijoteknoloġija żgħar u ta' daqs medju, għandha tkun imqanqla kull meta jkun possibbli, fi ħdan l-oqfsa kulturali u etiċi stipulati mill-Istati Membri.

Aspetti organizzattivi

Is-sistemi organizzattivi mhux biss għandhom impatt fuq il-kwalità u s-sikurezza ta' l-organi iżda wkoll fuq id-disponibilità tagħhom. Hemm diskrepanzi serji fl-attività tad-donazzjoni u tat-trapjant ta' l-organi fl-Istati Membri u bejniethom. Is-sistemi organizzattivi diversi fl-Ewropa jirriżultaw minħabba l-oriġini u l-istorja tagħhom. Il-paraguni bejn il-pajjiżi juru li r-

rati tad-donazzjonijiet nazzjonali finali mhux dejjem jikkorrelataw mal-persentaġġ tal-persuni li qabel kienu stqarrew li kienu lesti li jagħtu l-organi f'dawn il-pajjiżi. Dan juri b'mod ċar l-importanza li jkun hemm sistema effiċjenti ta' trapjanti li tiżgura li l-organi ta' persuni li jkunu lesti li jagħtuhom ikunu disponibbli.

Prerekwiżit għal kwalunkwe azzjoni f'dan il-qasam hu t-twaqqif ta' sistema adegwata ta' trapjant fil-livell nazzjonali. Sistema bħal din teħtieġ qafas legali xieraq, li ma jkunx orjentat lejn is-suq, u approċċ tekniku tajjeb kif ukoll appoġġ organizzattiv. Is-sehem ta' l-awtoritajiet kompetenti hu kruċjali fis-sistema organizzattiva. Dawn l-awtoritajiet għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità ma' l-istandards bażiċi u jorganizzaw l-attivitajiet tad-donazzjoni u t-trapjant. Għandhom jintużaw u jithegħgu s-sistemi organizzattivi l-aktar effiċjenti.

Kif issemma qabel, it-trapjanti ta' l-organi huma suġġetti għall-pressjoni tal-ħin. Il-proċess mill-ksib sat-trapjant għandu jsir fi ftit sghat (sabiex tkun ippreservata l-vijabilità ta' l-organu). Barra minn hekk, sabiex l-organi jkunu trapjantati, id-donatur irid ikun kompatibbli mar-riċevent. Dan ifisser li l-istruttura organizzattiva hi element prinċipali tas-sistemi tad-donazzjoni/tat-trapjant ta' l-organi. Bħala parti minn din l-organizzazzjoni, hu essenzjali li jkun hemm sistema effettiva ta' tqassim li tqis il-ħin qasir li fih l-organi jistgħu jinżammu u l-ħtieġa li jkun żgurat li l-organu jingħata lir-riċevent l-aktar adattat, skond kriterji definiti minn qabel.

Is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku

L-għarfien pubbliku u l-opinjoni pubblika wkoll għandhom sehem importanti sabiex tiżdied id-donazzjoni ta' l-organi. Id-donazzjoni u t-trapjant ta' l-organi huma trattamenti mediċi li jeħtiġilhom il-parteċipazzjoni sħiħa tas-soċjetà għall-iżvilupp tagħhom. Hemm ħafna kwistjonijiet etiċi kumplessi u sensitivi marbuta ma' dan il-qasam, u huwa ċar li wħud minn dawn l-aspetti huma trattati b'mod differenti f'diversi pajjiżi skond il-valuri u t-twemmin dominanti. Dawn il-valuri u l-preokkupazzjonijiet differenti għandhom jibqgħu u għandhom jiġu trattati fil-livell nazzjonali. Sabiex il-pubbliku juri rieda akbar għall-għoti ta' l-organi jinħtieġ l-appoġġ bit-tiġib tat-tagħrif tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-mezzi tax-xandir dwar il-kwistjonijiet tat-trapjanti. L-edukazzjoni kontinwa għandha tiffirma element importanti fi kwalunkwe strateġija ta' komunikazzjoni. In-nies għandhom ikunu mħeġġa biex jitekallmu dwar id-donazzjoni ta' l-organi u jikkomunikaw ix-xewqat tagħhom lil qrabathom. Hemm korrelazzjoni qawwija u pożittiva bejn id-diskussjoni fil-familja dwar dan u r-rieda li jingħataw l-organi.

Fi kliem ieħor, l-għarfien tal-pubbliku għandu jiġi mtejjeb kemm jista' jkun, kemm billi tingħata informazzjoni xierqa meta din tintalab, kif ukoll permezz tat-tixrid estensiv tagħha mal-komunitajiet lokali, reġjonali u ċentrali fl-Istati Membri, fosthom, iżda mhux biss, l-iskejjel, il-kliniki, iċ-ċentri soċjali u komunitarji kif ukoll il-knejjes. Barra minn hekk, fid-dawl ta' l-evidenza li n-nies ikunu aktar lesti li jagħtu l-organi jekk l-ewwel ikunu ddiskutewha mal-familja tagħhom, għandha tingħata informazzjoni sħiħa lill-familja tad-donatur jew tad-donatur potenzjali.

Kwistjonijiet oħra

**Il-koordinazzjoni u attivitajiet oħra*

Filwaqt li wieħed iżomm f' moħħu li ma hemm l-ebda koordinazzjoni panewropea għall-iskambju ta' l-organi, huwa kruċjali li l-arranġamenti eżistenti għall-iskambju ta' l-organi bejn l-Istati Membri jkunu msaħħa u koordinati b' mod aktar speċifiku sabiex ikopru l-ħtiġijiet nazzjonali u tizzied l-effiċjenza ta' dawn l-iskambji. Il-prattiki eżistenti m'għandhomx jitqiegħdu fil-periklu u lanqas m'għandu jizzied il-piż amministrattiv.

**L-altruwiżmu*

L-altruwiżmu għandu jkun l-element ewlieni tad-donazzjoni u tat-trapjant ta' l-organi. Il-terminoloġija ekonomika użata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għalhekk mhix adattata, b' mod partikulari minħabba l-prinċipju li l-ġisem tal-bniedem m'għandux jiġi kkummerċjalizzat. Għalhekk, fl-ebda ċirkustanza m'għandha l-lingwa użata tissuġġerixxi li l-organi jistgħu jitqiesu bħala prodott tas-Suq Intern.

Il-prinċipju li l-ġisem tal-bniedem u l-partijiet tiegħu m'għandhomx ikunu kkummerċjalizzati huwa dikjarat b' mod ċar fl-Artikolu 3(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ssemmi dan il-prinċipju biss fir-rigward tat-traffikar ta' l-organi. B'hekk, naraw li hu importanti ħafna li nenfazzjaw li dan il-prinċipju fundamentali japplika wkoll meta wieħed jagħti l-organi tiegħu stess.

B' mod ġenerali, l-aspetti etiċi li għandhom x'jaqsmu mad-donazzjonijiet ta' l-organi għandhom jibqgħu fil-kompetenza ta' l-Istati Membri b'konformità mal-prinċipju tassussidarjetà.

**It-traffikar*

Fid-dawl tad-dejta disponibbli dwar it-traffikar ta' l-organi umani u l-evidenza dwar l-iżvilupp mgħaġġel tal-kummerċjalizzazzjoni u tat-turiżmu tat-trapjanti, jinħtieġ li wieħed ma jqisx il-valur tat-traffikar ta' l-organi bħala xi qasam li m'huwiex daqstant ta' tħassib. Wieħed għandu jagħraf li t-traffikar ta' l-organi huwa kkawżat minn taħlita ta' faqar u ta' disperazzjoni, tax-xewqa li dak li jkun jaqla' l-għajxien, kif ukoll tal-korruzzjoni u tan-nuqqas ta' skrupli tal-kriminali, tal-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija u ta' l-isfruttar tal-bnedmin. Sfortunatament, f'ħafna każijiet, persuni mil-Lvant isiru l-inventarju ta' komponenti għall-morda fil-Punent.

Għandha tkun segwita l-koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (bħal ma huma l-EUROPOL u l-INTERPOL) sabiex jiġi miġġieled it-traffikar ta' l-organi kemm fl-UE kif ukoll barra l-fruntieri tagħha. Bidliet fil-politika m'għandhomx joħlqu ostakli ulterjuri għall-koperazzjoni fl-UE kollha u għall-koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra internazzjonali u Ewropej, fejn dan ikun mixtieq.

28.2.2008

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar Donazzjoni u Trapjant ta' Organi: azzjonijiet politiki fil-livell ta' l-UE (2007/2210(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Giuseppe Gargani

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

- A. Billi d-donazzjoni u t-trapjanti ta' organi huma suġġett kumpless u partikularment delikat l-aktar minħabba l-implikazzjonijiet etiki importanti,
- B. Billi l-politiki nazzjonali u l-qafas leġiżlattiv adottat fil-qasam tad-donazzjonijiet u t-trapjanti jvarjaw b'mod notevoli fost l-Istati Membri minħabba fatturi legali, kulturali, amministrattivi u organizzattivi differenti,
- C. billi l-Artikolu 152, paragrafu 4 tat-Trattat KE jippermetti l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji maħsuba biex jiggarantixxu sistemi ta' trapjanti aktar effiċjenti u aċċessibbli filwaqt li l-prinċipju tas-sussidjarità jkun irrispettat kompletament u b'mod assolut u, bħala konsegwenza, jkun rrispettati d-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' kull Stat Membru dwar id-donazzjoni u dwar l-użu ta' organi għal skopijiet mediċi,
 1. iqis li jeħtieġ li tkun eżaminata n-neċessità li jkun hemm inizjattiva leġiżlattiva biex tiżgura l-kwalità u s-sikurezza fuq il-livell komunitarju fil-qasam tad-donazzjonijiet u t-trapjanti ta' organi flimkien ma' koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, filwaqt li jitqies il-qafas leġiżlattiv attwali diġà fis-seħħ f'diversi Stati ta' l-Unjoni Ewropea u l-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra;
 2. iqis li l-ħolqien ta' strument legali komunitarju xieraq dwar id-donazzjoni u t-trapjant ta' organi, wara analiżi tar-rapport bejn l-ispejjeż u l-benefiċċi u evalwazzjoni ta' l-impatt globali filwaqt li fl-istess ħin titqies il-partikularità tat-trapjant ta' organi u l-ħidma mwettqa mill-Kunsill ta' l-Ewropa lil hinn mill-koperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri bir-rispett tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ; jenfasizza li l-ebda leġiżlazzjoni m'għandha żżid piżijiet amministrattivi li jispustjaw ir-riżorsi ta' l-assistenza u, billi

wieħed iżomm f'moħħu n-nuqqas ta' organi li jistgħu jkun mogħtija, kull leġislazzjoni trid tippermetti lit-tobba li jkomplu jadottaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex ikun evalwat in-numru ta' donaturi potenzjali;

3. jenfasizza li l-għan li s-sistemi ta' trapjant isiru aktar effiċjenti u aċċessibbli, billi tittejjeb is-sikurezza u l-kwalità ta' l-istess u tkun żgurata disponibilità akbar ta' organi, bir-rispett tal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni tad-donatur potenzjali, ma jistgħax jissejgwa b'dannu għall-kwestjonijiet etiċi kuplessi marbuta mat-trapjant ta' l-organi;
4. jenfasizza li koperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri hija kruċjali; jissuġġerixxi li għandu jisaħħaħ l-iskambju ta' l-aħjar prattiki eżistenti fil-qasam ta' donazzjonijiet u trapjanti u jawgura t-twettiq ta' bażi ta' data fuq il-livell komunitarju li għandha tintuża għal skop ta' donazzjonijiet u trapjanti; jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw t-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq it-trasport transkonfinali ta' organi, partikularment fil-każ fejn l-indikaturi bijoloġiċi ta' l-organu f'pajjiż jissodisfaw il-kundizzjonijiet mitluba għall-istess organu f'pajjiżi ieħor; iqis li sistema flessibbli bejn l-Istati Membri għat-trapjant, l-iskambju, l-importanzzjoni u l-esportazzjoni ta' organi jista' jsalva ħafna ħajjiet billi jippermetti lill-persuni li jsibu donaturi adattati;
5. iqis xieraq li jkunu predisposti standards għolja bil-għan li jkunu evitati problemi mediċi, kirurġiċi, psikoloġiċi, soċjali jew etiċi li jistgħu jmorru kontra d-donaturi ħajjin wara li jsiru l-eżaminazzjonijiet neċessarji biex ikun żgurat li huma adatti biex ikunu donaturi, kif ukoll it-trattamenti mediċi u l-interventi kirurġiċi li jsiru minħabba d-donazzjoni, bil-għan li jkunu minimizzati r-riskji għad-donatur;
6. jikkunsidra li jeħtieġ li jkun garantit immaniġġjar xieraq tad-donaturi li jmutu, billi jkunu żgurati standards xierqa ta' sikurezza u kwalità ta' l-organi mogħtija, u għal dan jawgura li jkun hemm l-adozzjoni ta' sistema li tippermetti it-teħid salv jekk id-donatur jirrifjuta; iqis li ħadd, lanqas il-konjuġi jew qarib fl-ewwel grad, ma jista' jmur kontra l-volontà tad-donaturi kif espress;
7. jistieden lill-Istati Membri biex janalizzaw il-vantaġġi li jiġu mit-twaqqif ta' sistema ta' donazzjoni b' "kunsens preżunt", bħala mezz biex jiżdiedu t-trapjanti ta' l-organi; iqis li tali sistema tippreserva bis-sħiħ il-kunsens tad-donatur peress li ċ-ċittadini jistgħu jikkunsidraw jekk jissieħbux jew le fis-sistema;
8. Jemmen li jeħtieġ li jkun żgurat bilanċ xieraq bejn il-protezzjoni tad-donatur u r-rispett għall-anonimità, il-kunfidenzjalità u t-traċċabilità tad-donazzjonijiet ta' organi biex ikun evitat il-ħlas, il-kummerċ u t-traffikar ta' l-organi.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	26.2.2008
Riżultat tal-vot finali	+: 22 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-vot finali	Titus Corlăţean, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Neena Gill, Pii-Noora Kauppi, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Antonio López-Istúriz White, Hans-Peter Mayer, Manuel Medina Ortega, Hartmut Nassauer, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Diana Wallis, Rainer Wieland
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Vicente Miguel Garcés Ramón, Sajjad Karim, Georgios Papastamkos, Gabriele Stauner, József Szájer, Jacques Toubon

28.2.2008

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar id-Donazzjoni u t-trapjant ta' organi: Azzjonijiet politiki fil-livell ta' l-UE (2007/2210(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Edit Bauer

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora dawn is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi fl-Ewropa hemm aktar minn 60,000 pazjent li jeħtieġu trapjant u li qegħdin fil-lista ta' stennija, u billi numru sew ta' pazjenti jmutu minħabba nuqqas kroniku ta' organi;
- B. billi attwalment fl-Unjoni Ewropea għad m'hemmx bażi tad-dejta komprensiva li tiġbor fiha d-dejta neċessarja kollha dwar organi destinati għad-donazzjonijiet u għat-trapjant u dejta, dwar donaturi ħajjin jew li mietu, minn bażijiet tad-dejta jew reġistri nazzjonali jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali ta' l-Istati Membri;
- C. billi erba' Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, ħames Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Protokoll supplimentari tagħha għall-Prevenzjoni, it-Trażżin u l-Ikkastigar tat-Traffikar tal-Persuni, Speċjalment Nisa u Tfal ("il-Protokoll ta' Palermo"), u disa' Stati Membri għadhom ma rratifikawx il-Protokoll Fakultattiv tan-NU tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal dwar il-bejgħ, il-prostituzzjoni u l-pornografija tat-tfal;
- D. billi għalkemm l-estimi attwali jqiegħdu t-traffikar ta' l-organi fuq livell relattivament baxx fost il-forom kollha ta' traffikar, it-traffikar ta' l-organi u t-tessuti qed isir dejjem iżjed problema globali li sseħħ kemm fi ħdan il-konfini nazzjonali kif ukoll lil hinn minnhom u qed tkun kontrollata mid-domanda (kalkolu ta' 150-250 każ fis-sena fl-Ewropa);
- E. billi t-traffikar ta' l-organi u t-tessuti hi forma ta' traffikar tal-persuni umani, li tinvolvi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, u partikolarment tad-dinjità umana u ta' l-integrità

fiżika, u tista' ddgħajjef il-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema leġittima tat-trapjanti, u tista' twassal għal skarsezza akbar ta' donazzjonijiet volontarji ta' organi u tessuti;

- F. billi l-esperjenza turi li s-sistemi legali li jitlobu l-kunsens "opt-in" jew "opt-out" ma jwasslux għal riżultati differenti ħafna fl-akkwist u fit-trapjant ta' l-organi;
1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tipprepara qafas legali dwar is-sikurezza u l-kwalità tad-donazzjoni u tat-trapjant, u jitlob sabiex ikunu definiti rekwiżiti ta' standards minimi b'mod flessibbli, waqt li jiġi meqjus li t-trapjant jista' jkun il-kura li ssalva l-ħajja tal-pazjent, u għalhekk jista' jiġi aċċettat riskju akbar minn dak aċċettat għat-tessuti u ċ-ċelloli;
 2. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa partikolarment l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Persuni u l-Protokoll ta' Palermo jekk għadhom ma għamlux dan;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jaġġornaw il-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Traffikar tal-persuni umani u jinkludu fih pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' l-organi, sabiex jippermettu koperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet konċernati;
 4. Jitlob, ukoll, sabiex il-pjan ta' azzjoni jkollu referenza għal dejta li tkun korretta u verifikata fir-rigward tal-kwantitajiet, it-tipi u l-oriġini ta' organi traffikati illegalment;
 5. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jagħmlu skambju ta' l-aħjar prattiki u informazzjoni dwar id-donazzjoni ta' l-organi u t-trapjant, b'enfasi partikolari dwar l-esperjenzi u r-riżultati pożittivi dwar l-akkwist u t-trapjant ta' l-organi fi Spanja;
 6. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex iżommu u jsaħħu t-trasparenza u s-sikurezza fl-amministrazzjoni tal-listi ta' stennija, waqt li jimponu kundizzjoni ċara li twassal biex jiġu identifikati l-irregolaritajiet u tinżamm it-traċċabilità ta' l-organi, waqt li tiġi żgurata l-anonimità kemm tad-donatur kif ukoll ta' min jirċievi;
 7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jagħti rwol proattiv lit-tobba responsabbli mill-kura ġenerali meta jirkellmu mal-pazjenti tagħhom ħalli jgħinuhom jagħmlu għażla infurmata dwar ir-reġistrazzjoni tad-donatur, u biex iserrhulhom moħħhom minn biżgħat mhux ġustifikati u b'hekk jiżdied in-numru tad-donaturi;
 8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jadottaw u jħarsu dispożizzjonijiet legali rigorużi fir-rigward tat-trapjanti minn donaturi ħajjin li mhumiex qraba, sabiex is-sistema tkun trasparenti u teskludi l-possibilità ta' bejgħ illeċitu ta' organi jew l-isfurzar tad-donaturi; għalhekk, id-donazzjonijiet minn donaturi li mhumiex qraba jistgħu jsiru biss taħt kundizzjonijiet definiti fil-liġi nazzjonali u wara awtorizzazzjoni minn entità indipendenti adatta;
 9. Jitlob lill-Kummissjoni, fir-rigward ta' pajjiżi terzi, sabiex tiġġieled kontra prattiki ta' traffikar ta' organi u tessuti, li għandhom ikunu projbiti b'mod universali, inklużi t-trapjant ta' organi u tessuti mingħand persuni minuri, persuni b'diżabilità mentali jew priġunieri ġġustizzjati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jissensibilizzaw il-komunità internazzjonali dwar din il-kwistjoni;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex, fejn jeħtieġ, jemendaw il-kodiċi kriminali tagħhom ħalli jiżguraw li jittieħdu passi xierqa kontra dawk responsabbli għat-traffikar ta' l-organi, flimkien ma' sanzjonijiet għall-istaff mediku involut fi trapjant ta' organi li jinkisbu minn traffikar, waqt li jsir kull sforz sabiex jiġu skoraġġiti persuni, li jeħtieġu l-organi, milli jfittxu organi u tessuti li jkunu traffikati; dan għandu jinkludi l-konsiderazzjoni ta' responsabilità kriminali għaċ-ċittadini Ewropej li jkunu akkwistaw organi kemm fl-UE kif ukoll barra minnha;
11. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jikkoperaw ma' pajjiżi "donaturi", bl-appoġġ ta' l-Europol u ta' l-Interpol, ħalli jwettqu l-istħarriġ meħtieġ biex jiġu magħrufa każi ta' traffikar ta' organi u sabiex jiġu meqruda n-netwerks tat-traffikar;
12. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-passi meħtieġa li jżommu lill-professjonisti fil-kura tas-saħħa milli jiffaċilitaw traffikar fl-organi u fit-tessut (per eżempju billi jirreferu pazjent lil servizz barrani ta' trapjant li jista' jkun involut fit-traffikar) kif ukoll lil dawk li jipprovdu servizz ta' assikurazzjoni tas-saħħa milli jiffaċilitaw - b'mod finanzjarju jew b'xi mod ieħor - attivitajiet li direttament jew indirettament jippromovu traffikar ta' organi;
13. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jassiguraw li kull donazzjoni ta' tessut u ta' organi minn persuni ħajjin ikollha l-kunsens legali u espress sħiħ tagħhom;
14. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li ma ssirx diskriminazzjoni kontra donaturi ħajjin, partikolarment mis-sistemi ta' l-assikurazzjoni;
15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li d-donaturi ħajjin jingħataw lura l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali;
16. Jenfasizza l-importanza li l-akkwist u t-trapjant ta' l-organi jkollhom finanzjament taħt linja ta' baġit separata, sabiex it-trapjant ma jservix ta' nuqqas ta' inċentiv għall-isptarijiet;
17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jinkoraġġixxu u jappoġġjaw ir-riċerka fil-qasam tat-trapjant ta' l-organi u t-tessut;
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iqajmu kuxjenza pubblika dwar il-ħtieġa ta' donazzjoni ta' l-organi permezz ta' kampanja adatta ta' sensibilizzazzjoni fl-livell Ewropew; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tnedi Kard Ewropea għad-Donaturi li tista' sservi wkoll bħala wieħed mill-modi li jżid l-għarfien pubbliku; jistieden lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw din l-inizjattiva;
19. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra li tkompli tiżviluppa u tespandi l-web page Ewropea attwali dwar id-donazzjoni ta' l-organi www.eurodonor.org (u/jew www.eurocet.org), kif ukoll dik tad-WHO (www.transplant-observatory.org), fl-Istati Membri kollha ta' l-UE u fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE, bil-għan li tipprovdi kull informazzjoni u dejta rilevanti dwar id-donazzjoni u t-trapjant ta' l-organi;
20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iniedu bażi tad-dejta pan-Ewropew u netwerk tal-komunikazzjoni jew li jappoġġjaw dawk eżistenti sabiex jgħaqqdu flimkien

il-bażijiet tad-dejta nazzjonali u jipprovdu pjattaforma għal skambji mħaffa ta' dejta komprensiva dwar id-donazzjonijiet u t-trapjant ta' l-organi u dwar donaturi ħajjin u mejtin;

21. Iqis li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aġenziji tagħhom ta' l-infurzar tal-liġi kif ukoll l-istaff mediku għandhom ikunu mħarrġa dwar traffikar ta' l-organi sabiex kull każ jiġi rrapportat lill-pulizija.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	27.2.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Philip Bradbourn, Mihael Brejc, Kathalijne Maria Buitenweg, Giusto Catania, Jean-Marie Cavada, Carlos Coelho, Esther De Lange, Panayiotis Demetriou, Gérard Deprez, Bárbara Dührkop Dührkop, Claudio Fava, Armando França, Urszula Gacek, Kinga Gál, Roland Gewalt, Lilli Gruber, Jeanine Hennis-Plasschaert, Livia Járóka, Ewa Klamt, Magda Kósáné Kovács, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Stavros Lambrinidis, Roselyne Lefrançois, Sarah Ludford, Viktória Mohácsi, Claude Moraes, Javier Moreno Sánchez, Rareş-Lucian Niculescu, Luciana Sbarbati, Inger Segelström, Csaba Sógor, Søren Bo Søndergaard, Vladimir Urutchev, Ioannis Varvitsiotis, Renate Weber, Manfred Weber, Tatjana Ždanoka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Maria da Assunção Esteves, Anne Ferreira, Genowefa Grabowska, Sophia in 't Veld, Metin Kazak, Marian-Jean Marinescu, Marianne Mikko, Bill Newton Dunn, Hubert Pirker, Nicolae Vlad Popa, Eva-Britt Svensson

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	26.3.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 60 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Georgs Andrejevs, Liam Aylward, Irena Belohorská, Johannes Blokland, John Bowis, Frieda Brepoels, Hiltrud Breyer, Martin Callanan, Chris Davies, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Jill Evans, Anne Ferreira, Matthias Groote, Satu Hassi, Gyula Hegyi, Jens Holm, Mary Honeyball, Caroline Jackson, Dan Jørgensen, Christa Klafß, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Urszula Krupa, Aldis Kušķis, Marie-Noëlle Lienemann, Peter Liese, Aldis Kušķis, Peter Liese, Roberto Musacchio, Riitta Myller, Péter Olajos, Miroslav Ouzký, Frédérique Ries, Dagmar Roth-Behrendt, Guido Sacconi, Karin Scheele, Richard Seeber, Richard Seeber, Kathy Sinnott, Bogusław Sonik, María Sornosa Martínez, Antonios Trakatellis, Thomas Ulmer, Marcello Vernola, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Anders Wijkman
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Iles Braghetto, Bairbre de Brún, Milan Gaľa, Jutta Haug, Erna Hennicot-Schoepges, Justas Vincas Paleckis, Lambert van Nistelrooij
Sostitut (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Miguel Angel Martínez Martínez